MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 368/2007

Perit Renato La Ferla (Id. 653026M).

Vs

Anthony u Grace Pavia.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ppremetta illi kien wettaq xi xoghlijiet bhala Perit Arkitett u Inginier Civili, fil-fond numru 142/2, Triq it-Torri, Sliema, proprjeta’ ta’ l-intimati; u peress illi l-attur wettaq dan ix-xoghol fuq talba u skond dak mitlub mill-istess intimati; u peress illi l-attur ghalhekk kellu jithallas tax-xogholijiet professjonali tieghu u in segwitu kien hareg kont ta’ tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm338.19) ghax-xoghol li huwa kien ghamel, skond it-tariffi li jirregolaw is-suggett, u l-intimati hallsu hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) akkont tal-prezz, kif jidher ukoll fuq ir-ricevuta annessa; u peress

illi l-intimati gew interpellati diversi drabi biex ihallsu izda baqghu inadempjenti; talab l-attur li jghidu l-intimati ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux: 1. jiddikjara li l-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm263.19) huma dovuti lill-attur mill-intimati bhala bilanc tas-somma ta' Lm339.19; u 2. jikkundanna l-intimati ihallsu s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm263.19). Bl-ispejjes u bl-imghax, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi l-ammont mitlub huwa preskritt peress li l-imsemmija relazzjoni saret fl-20 ta' Ottubru 2003 u fil-21 ta' Ottubru 2003. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Ra n-nota tal-konvenuti li biha ssottomettew illi l-ammont mitlub mill-attur huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2149 para (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra d-Digriet tieghu tal-4 ta' Dicembru 2007.

Ra r-rikors tal-attur tal-5 ta' Dicembru 2007.

Ra d-Digriet tieghu tal-10 ta' Dicembru 2007.

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' April 2008.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta Grace Pavia.

Sema' x-xhieda tal-attur il-Perit Renato La Ferla.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' Lm263.19, bilanc ta' somma akbar, minghand il-konvenuti, rapprezentanti spejjes, drittijiet professjonali u VAT dovut lilu in segwitu ta' rapport mhejji minnu fuq inkarigu moghti lilu mill-konvenuti stess.

Illi minn-naha taghhom, il-konvenuti qedin jecepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess artikolu tal-ligi jiddisponi hekk kif gej:-

*`L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:*

*(c) l-azzjonijiet ta' avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjes li jkunu ghamlu.'*

Illi mill-provi prodotti, jirrizultaw s-segwenti fatti:-

Fl-ewwel lok, l-attur gie inkarigat ilesti rapport ghall-konvenuti, liema rapport huwa datat 20 ta' Ottubru 2003. Il-kont tal-istess attur ghad-drittijiet, spejjes u VAT dovut lilu fir-rigward tal-inkarigu lilu moghti huwa datat 21 ta' Ottubru 2003, u b'kollox jammonta ghal Lm338.19.

Illi l-konvenuti hallsu biss l-ammont ta' LM75.00, permezz ta' cekk li ntbaghat fit-3 ta' Mejju 2005. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-attur, kif ukoll mid-dokument 'LF2' a fol. 57 tal-process, u cioe il-'*complimentary slip'* li akkompanja ic-cekk in kwistjoni, u li ntbaghat mill-konvenut Anthony Pavia, fejn hemm imnizzel bil-miktub il-kliem '*on account of Pullicino case'*. Il-fatt li dan kien pagament akkont, u li intbaghat fit-3 ta' Mejju 2005 mill-konvenut Anthony Pavia, ma giex kontradett mill-istess konvenut, li lanqas biss tela jixhed fil-proceduri odjerni. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandu l-ebda raguni valida jiddubita dan.

Oltre dan, fid-dokument ‘GP1’, ipprezentat mill-konvenuta, u cioe l-ittra datata 26 ta’ Settembru 2006, minghuta lill-attur mill-konvenut, hemm imnizzel bic-car is-segwenti kliem:- ‘*In fact my wife and I believed we had an unwritten agreement with Mr. Laferla that **we would pay him the balance** (**we had paid him already a part payment of Lm75 in 2005**) as soon as we win the case that we had instituted against the Pullicino family. However now that it has come to this, **we want to settle any balance due**.*’

Illi dan kollu juri bic-car illi l-pagament li sar f’Mejju tal-2005, kien pagament akkont, u fuq ammissjoni tal-konvenut stess, kien hemm kull intenzjoni illi l-bilanc jithallas lill-attur.

Illi sussegwentement il-kawza odjerna giet ipprezentata fit-30 ta’ April tas-sena 2007, u cioe inqas minn sentejn wara li thallas il-pagament akkont ta’ Lm75 mill-konvenuti.

Illi ghalhekk, u in vista tas-suespost, il-preskrizzjoni ta’ sentejn ai termini tal-artikolu 2149 (c) kif fuq citat, giet interotta kemm bil-pagament akkont li sar mill-konvenuti, kif ukoll bil-kawza li giet ipprezentata kontra taghhom, u anki bl-ammissjoni cara da parti taghhom illi huma kienu qedin ihallsu pagament akkont u li kellhom kull intenzjoni li jhallsu l-bilanc dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, u jilqa t-talba attrici, u b’hekk jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ sitt mija u tlettax il-Ewro u seba centezmi (€613.07), ekwivalenti ghal Lm263.19 bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza, hlief ghal dawk ta’ l-Appell, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica W. Galea Debono**

**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------